# Il-Ħadd 06.11.2022

1. Illum 06/11:-
   - Fl-4:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.

     *Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm*.

     **N.B. F'każ ta' maltemp il-quddiesa ssir fil-knisja parrokkjali fil-5:30pm.**

     - Infakkar li b'rabta maċ-Ċimiterju, qed tinġabar ukoll il-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta mal-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, il-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopri s-Sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra. Napprezza wkoll il-ġenerożità tagħkom jekk toffru donazzjoni biex inkomplu ntaffu xi spejjeż tal-manutenzjoni taċ-Ċimiterju.
     - Infakkar li matul dan ix-xahar ta' Novembru huwa miftu] il-booking tal-intenzjonijiet tal-Quddies g]as-sena 2023 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom.

2 It-Tnejn 7/11

- Fis-7.15pm ikun hemm il-laqgħa tal-Kummisjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3 It-Tlieta 8/11

- Fis-7.30pm ikun hemm il-laqgħa tal-Kummissjoni kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4 Is-Sibt 12/11

- L-Għaqda Nazzjonali tal-Abbatini ser tagħmel il-Festa ta' San Tarċisju fil-parroċċa tagħna. Fid-9.30am ser ikun hemm purċissjoni qasira bl-istatwa ta' San Tarcisju miċ-ċentru Parrokkjali sal-Knisja fejn fl-10am tibda quddiesa li ser tkun animata mill-abbatini u l-abbatini tagħna ser jagħmlu play fuq San Tarcisju.

5. Avviżi oħra:-
   - Il-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2023. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Il-Kunsill Lokali javza li min jixtieq jieħu sehem fil-fun run li ser issir il-Ħadd 20 ta' Novembru 2022 b'riżq il-Malta Community Chest Fund, hu mitlub jigi l-Kunsill biex jigbor t-T-Shirt u jaghti d-donazzjoni tiegħu. Sa jigi ipprovdut t-trasport mill-Pjazza u lura mill-Belt. Min għal xi raġuni ma jistax jiehu sehem fil-mixja u xorta jixtieq jagħti d-donazzjoni tiegħu u jkollu t-T-Shirt, jiġi l-Kunsill Lokali. Grazzi.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:-

   - € 180 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;